## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA 26/2019

**7 ta' Awwissu 2019**

### Aġenzija ġdida tal-Bini u tal-Kostruzzjoni

KAMRA TAL-PERITI

*To support members of the profession in achieving excellence in their practice of architecture and engineering in the interest of the community*

Il-Kamra tal-Periti tilqa' t-twaqqif ta' Aġenzija ġdida tal-Bini u tal-Kostruzzjoni permezz tal-Avviż Legali 192 ta' l-2019. Din l-Aġenzija hija l-prekursur tal-Awtorita' tal-Bini u tal-Kostruzzjoni li ser titwaqqaf fix-xhur li ġejjin, u li l-Gvern ikkommetta li jistabbilixxi kif indikat fil-*Letter of Commitment* mibgħuta lill-Kamra tal-Periti l-ġimgħa li għaddiet.

L-Aġenzija għandha l-funzjoni li tħejji, timplimenta u tqassam diversi *policies*, flimkien mal-konsolidazzjoni u r-reviżjoni tal-liġijiet u tar-regolamenti, fil-forma ta' kodici nazzjonali tal-bini, kif ukoll li twettaw il-preparamenti meħtieġa sabiex tiġi mwaqqfa' l-Awtorita' tal-Bini u tal-Kostruzzjoni.

Dan hu pass importanti sabiex jiġi żgurat li l-industrija tiġi rregolata, u l-Kamra tal-Periti thares 'il quddiem sabiex tkun tista' tippreżenta l-proposti tagħha lill-Aġenzjia, skond kif spjegat fid-dokument *A Modern Building and Construction Framework for Malta*, biex dawn jiġu implimentati fil-futur qarib.